**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 310/2014 MLF**

**GO p.l.c. pro et nomine**
**vs**
**Pizzavito Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' attrici f'isimha propju, kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle Communications Limited, kif debitament awtorizzata, talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjetajiet attruri, s-somma ta' sitt elef disa' mija u tmienja u sittin Euro u disgha u disghin centezmu (€6968.99) in konnessjoni ma servizz bin-numri 79318486 (AC40376872), 79318490 (AC40380000), 79318480 (AC40380529), u 79997943 (AC40399377).

Bid-drittijiet, l-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat li s-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda rapprezentant f'Malta, u konsegwentement giet debitament notifikata l-Italja permezz tal-procedura specifikata fir-Regolament 1393/2007/EC, tramite l-awtorita kompetenti f'Malta, u cioe l-Ufficcju tal-Avukat Generali.

Minkejja li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma deher l-ebda rapprezentant taghha fis-seduti tal-5 t'Ottubru 2015 u tad-9 ta' Novembru 2015.

F'din l-ahhar seduta, u cioe dik tad-9 ta' Novembru 2015, il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Simone Wightman, il-credit control manager tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur u cioe' 9 ta' Settembru, 2014 ma saru l-ebda pagamenti lis-socjetajiet attrici GO p.l.c. u Mobisle Communications Limited rigwardanti l-ammonti minnhom mitluba f'dak ir-rikors. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ma tamminx din ix-xhieda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta GO p.l.c. f'isimha proprju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle Communications Limited, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici GO p.l.c., f'isimha proprju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle Communications Limited, is-somma ta' sitt elef disa' mija u tmienja u sittin Euro u disgha u disghin centezmu (€6968.99), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

Id-drittijiet u l-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**